MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 521/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**ETIENNE MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Etienne Mizzi, ta' 34 sena, iben Michael u Salvina nee' Cassar imwieled Pieta' fl-10 ta' Gunju 1978 detentur ta' karta ta' l-identita' nru 0436678M u residenti Blk X2, Flt 3 Triq id-Deheb Fin, Qormi.

1) Billi gie akkuzat talli fit-23 ta' Frar 2013 fi 13.16hrs u 13.19hrs rispettivament, permezz ta' Visacard f'isem Katya Pappalardo minn Hal-Qormi, b'mezzi kontra l-ligi,

jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' interprizai foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor billi ffroda s-somma ta' €120 ghad-dannu ta' l-istess Katya Pappalardo u tal-Bank HSBC

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum lok u cirkustanzi kkommetta serq ta' €25 fi flus kontanti, credit card tal-HSBC u karta ta' l-identita' u licenzja tas-sewqan ta' Katya Pappalardo..

3) Akkuzat ukoll talli hu recidiv b'diversi sentenzi kemm dawk tal-magistrati kif ukoll tal-Qorti superjuri ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jinbidlu ai terminu tal-art 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-ligijieet ta' Malta..

4) Akkuzat ukoll talli kiser kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza tal-magistrati Mag Dr. Saviour Demicoli fis-27/04/12

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA4 u nnutat li l-imputat Etienne Mizzi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Katya Pappalardo iddikjarat li l-imputat irritornalha r-rifurtiva.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi fil-passat l-imputat kellu problema ta' abbuz mid-droga li issa hareg minnha u

ghall-fini li l-imputat ikun assistit sabiex jevita li jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 308, 310, 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Etienne Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Etienne Mizzi taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit li jevita li jerga' jaqa' fil-vizzju tad-droga u inoltre tikkundanna lill-istess l-imputat Etienne Mizzi ghall-piena ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) multa.
Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Etienne Mizzi.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Etienne Mizzi kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Etienne Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------